**18 ta' Marzu, 1963**

**Imħallef:**

**Onor. Prof. Joseph Henry Xuereb, LL.D.**

Joseph Ellul

*versus*

Peter Camilleri

**Lokazzjoni — Prova ta' — Konsenja ta' Ċwievet — Pagament.**

*Il-konsenja taċ-ċwievet u l-pagament mhux biżżejjed biex jipprovaw il-lokazzjoni jekk null kompless taċ-ċirkostanzi jirriżulta li s-sid ma kienx qiegħed jikkunsidra ruħu markat definitivament tat-trattativi li jkunu saru.*

Il-Qorti, rat iċ-ċitazzjoni li biha l-attur, wara li ppremetta illi l-konvenut qiegħed jokkupa bla titolu kif jiġi pprovat waqt it-trattazzjoni tal-kawża d-dar ta' proprietà ta' l-attur f'Ħal-Tarxien, Carmel Street, numru 42, talab li — wara li jingħataw id-dikjarazzjonijiet meħtieġa u mogħtija l-provvedimenti opportuni — il-konvenut jiġi kkundannat biex fi żmien qasir u perentorju li jiġi lilu ffissat jiżgombra l-imsemmija dar num-42, Carmel Street, Tarxien, u jirrilaxxjaha favur l-attur; salv kull dritt ieħor lilu talvolta kompetenti skond il-liġi kontra l-konvenut. Bl-ispejjeż inklużi dawk ta' l-ittra uffiċjali tal-għaxra (10) ta' Ottubru, tal-1960.

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut li biha qal li d-domanda attriċi hija infondata għaliex hu qed jokkupa l-istess fond b'titolu ta' lokazzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti u n-nota tax-xhieda tal-kontendenti;

Rat l-atti l-oħra fosthom in-noti ta' osservazzjonijiet preżentati dik ta' l-attur fit-tlieta u għoxrin (23) ta' Frar, 1963, u dik tal-konvenut fit-tlettax (13) ta' Marzu, 1963;

Ħadet konjizzjoni tal-proċess kollu wara li kienet semgħet it-trattazzjoni orali;

Ikkunsidrat:—

Illi l-attur qed jitlob illi l-konvenut jiġi żgumbrat mill-fond imsemmi fiċ-ċitazzjoni, proprjetà ta' l-attur, billi qed jokkupah mingħajr titolu; da parti tiegħu l-konvenut qed jopponi

li għandu lokazzjoni ta' l-istess fond lilu mogħtija mill-attur. Taħt dawna ċ-ċirkostanzi huwa dover tal-konvenut li jipprova l-eżistenza tat-titolu minnu eċċepit;

Illi ebda prova skritta ma ġiet prodotta ta' l-istess lokazzjoni b'mod li l-kwistjoni trid tiġi riżoluta wara eżami tal-provi orali prodotti miż-żewġ partijiet;

Illi l-kontendenti jaqblu li huma personalment qatt ma tkellmu bejniethom, u skond ma jidher evidenti mill-provi u sottomissjonijiet li għamel, il-konvenut jgħid li sar il-ftehim gurnata tal-Ħadd fil-għaxija meta martu flimkien ma' oħtha, Maria Piscopo, marru għand l-attur, meta kienet ukoll preżenti l-mara ta' dan, u huma ħallewlu tmintax-il lira (£18) flus wara li l-attur kien tahom (jew lil waħda minnhom), iċ-ċavetta tal-post biex jaraw jogħġobhomx, u dan kien fil-fatt għoġob lil mart il-konvenut u din kienet disposta li tħallas sitta u tletin lira (£36) fis-sena; huwa għalhekk importanti, bħala l-ewwel ħaġa, li tiġi eżaminata x-xhieda ta' dawn it-tnejn weħidhom u ma xulxin, biss biex wieħed jara jekk iwaslux għall-konklużżjoni li verament dikinhar kien sar ftehim definitiv u legali li jorbot lill-kontendenti.

Illi l-enfasi f'dawna ix-xhieda hija fuq il-fatt li l-attur irċieva l-flus ekwivalenti għal sitt xhur kera, lilu offerti bħala tali, u l-ogħti minnu taċ-ċwievet tal-post. Dawna ċertament huma żewġ fatti importanti, li però jridu jiġu valjati fiċ-ċirkostanzi li akkompanjahom u fid-dawl tal-kliem li ntqal billi hekk biss wieħed jista' jasal biex jifhem sew l-portata ta' dawka l-fatti stess; anke l-fatti sussegwenti jistgħu jgħinu f'dan is-sens; f'kull każ huwa lejn l-intenzjoni taż-żewġ partijiet li wieħed irid iħares billi hija l-fehma tagħhom it-tnejn, u jekk dina verament tiltaqa' li twassal biex joħloq il-kuntratt bejniethom;

Illi dejjem fuq dak li rriżulta mix-xhieda riferita (ta' mart il-konvenut u oħtha), jidher ċar li huma kienu anzjużi li jintlaħaq ftehim dikinhar stess wara li l-fond għoġob lil mart il-konvenut, u kienet din li ma ħallietx lil oħtha tiġġebbed iżżejjed fuq iċ-ċifra ta' sitta u tletin lira (£36) fis-sena: kienet l-istess mart il-konvenut li nsistiet li tħallilu l-flus, qaltlu li ma kienx hemm bżonn li jitkellem ma' żewġha billi dan ħalla f'idejha, assikuratu li mhix sejra iġġiblu l-Bord u qaltlu, fuq din il-kwistjoni taċ-ċifra, li seta' jagħmilha dak il-ħin l-irċevuta fejn turi li l-post mikri "furnished" u flok ma jsir kuntratt ta' enfitwesi għal sbatax-il sena, kif kien semma l-attur li kienet il-fehma tiegħu; mill-istess xhieda però jirriżulta wkoll, dwar l-atteġġjament tal-attur, li hu żamm il-flus aktarx kontra qalbu u semma li ma kienx hemm għaġla, baqa' li jrid jitkellem mal-konvenut (dan ukoll qal hekk, skond ma qaltlu martu stess) u wera li kien dispost jaċċetta s-suġġeriment ta' kiri "furnished" flok enfitewsi kemm il-darba l-Avukat tiegħu jtih parir favorevoli; ir-risposta definitiva kellha tingħata wara li jieħu dana l-parir u din ir-risposta qatt ma waslet. Il-kliem testwali ta' mart il-konvenut hu hekk "Hu, (i.e. l-attur) kellu għad irid imur jistaqsi fis-sens li jieħu parir qabel ma jagħtiha risposta definitiva x'jagħmel", u iżjed l-isfel (ibid) "Ir-risposta dwar jekk kellux ikun hemm kuntratt (i.e. ta' enfitewsi) jew inkellha kera ta' 'furnished' da parti ta' l-attur ma ġiex komunikata lilna", u ftit qabel hi qalet li "... riċevuta l-attur ma riedx jagħtihilha għaliex qal li jrid jieħu parir mingħand l-Avukat". Maria Piscopo ma' taqbilx ma' oħtha għax qalet li l-attur ma semmiex Avukat: hija però ssemmi li qalilhom li ma kienitx ħaġa ta' għaġla meta tawh il-flus, u li kellu l-ħsieb li jsir kuntratt għal sbatax-il sena, iżda fl-istess ħin tagħti lil minn jifhem li hu ma nsistix li jkellem lill-konvenut u li aċċetta l-kelma ta' oħtha li ma ġġiblux il-Bord dwar il-kera li kien ippretenda u li hi kienet aċċettat li tħallas.

Illi l-Qorti ma tarax raġuni biex tippreferixxi x-xhieda

ta' Maria Piscopo għal dik ta' mart il-konvenut stess: ċertament din l-aħħar xhieda, f'kull każ, tnaqqas mill-forza ta' dik ta' l-istess Piscopo. Min provi oħra però hemm raġuni biex tiġi preferita x-xhieda ta' mart il-konvenut fis-sens li kien hemm biss għad trattativi u mhux ftehim definitiv per eżempju dik tal-konvenut stess fejn isemmi li martu qaltlu li kienet baqgħet ma' l-attur li hu (il-konvenut) kellu jmur ikellem lill-attur, u fejn isemmi dwar dak li ġara mill-mobili ta' l-attur eżistenti fid-dar in kwistjoni (li naturalment, għandu wieħed jifhem, kienu jinbiegħu kieku sar il-kuntratt ta' enfitewsi però ma jinbiegħux jekk issir lokazzjoni ta' fond "furnished" billi hu ħareġ l-istess għamara u qiegħda f'post ieħor. Ma dan imbagħad għandha tiżdied iċ-ċirkostanza li l-attur u martu t-tnejn xehdu li ma kien hemm xejn definitiv mal-mara tal-konvenut billi kollox kien jiddependi minn dak li kien jgħidlu (i.e. lil attur), il-konsulent tiegħu.

Illi, kif intqal, huwa dan d-diskors li sar fid-dar tal-attur, minn dana stess, preżenti martu, ma' mart il-konvenut u oħtha, li jħoll u jorbot billi dikinhar skond it-teżi konvenuta, ġie konkluż il-ftehim. Dana l-ftehim ma jirriżultax pruvat anzi jirriżulta li kien hemm biss trattativi, però tali li jispjegaw il-konsenja tal-flus lill-attur u r-rimittenza riżultata tiegħu li jirċevihom, u jispjegaw ukoll il-konsenja taċ-ċavetta lil mart il-konvenut; dak li ġara wara jista' juri li l-attur kien raġa' bdielu u ma riedx ikompli jittratta, forsi għax ra (u mhux għal kollox bit-tort), li l-parti l-oħra riedet tfisser dak li kien ġara b'mod li ma kienx realment ġara, jew forsi għax kien sejjer imur aħjar. Dan però ma jistax ikollu l-effett li jirrendi definitiv dak li ma kienx tali fil-fatt u ma jintitolax lill-konvenut jidħol fil-post, kif għamel, u anzi juri li l-attur ħassu liberu, kif kien legalment (neħħi rispetti oħrajn), li jagħmel hekk; f'kull każ ma jirriżultax li hu qatt ried li l-ftehim, ta' liema natura ikun, ma jkunx bil-miktub, anzi jidher li ried xi ħaġa bil-miktub u taħt dan l-aspett ukoll, la darba ma saritx il-kitba

ma jistax jingħad li hemm il-ftehim.

Għal dawn il-motivi:

Il-Qorti tilqa' t-talba tal-attur, bl-ispejjeż kontra l-konvenut u għall-fini tal-iżgumbrament tiffissa ż-żmien ta' xahar mil-lum, mingħajr preġudizzju ta' kull dritt ieħor jekk u skond il-liġi.